MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Numru. 680/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Roda Abdalla Owei ta’ 23 sena, bint Abdalla Owei u Hawa Ibrahim imwielda is-Sudan fil-25/09/1988 bin-numru tal-pulizija 12F001 residenti gewwa Single’s Open Centre, Hal Far, limiti ta’ Birzebbuga**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Rodo Abdalla Owei li giet akkuzata talli fit-22 ta’ Gunju 2012 ghal habta tal-15:00hrs gewwa l-Hal Far Reception Centre, Hal Far, limiti ta’ Birzebbuga:

1. Talli attentat tikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq PS1602 Marco Mifsud u dana billi b’atti esterni tat bidu ghall-esekuzjoni tal-istess delitt, liema delitt ma giex

esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha;

2. Talli ikkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS1602 Marco Mifsud dana skond kif iccertifika Dr. Bassam Shamala MD reg.1661 mill-isptar Mater Dei;

3. Talli fl-istess data, lok u hin attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS1602 Marco Mifsud u PC176 Elliot Magro persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

4. Talli fl-istess datra, lok u hin, ingurjat jew hedded jew ghamlet offiza fuq PS1602 Marco Mifsud, u PC176 Elliot Magro u diversi ufficjali ohra, persuni inkarigati skond il-ligi minns ervizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dana sis-ervizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

5. Talli fl-istess data, lok u hin ikkagunat griehi ta' natura hafuifa fuq PC176 Elliot Magro dana skond kif iccertifika Dr. Bassam Shamala MD reg.1661 mill-isptar Mater Dei.

6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma helliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlet fi dmirijiethom billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ridnat jew jista jaghmel jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

U aktar talli fil-25 ta' Gunju f'dawn il-gzejjer:

7. attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi ufficjali, persuni inkarigati minn servizz pubbliku

filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali tat-03 ta’ Lulju 2012 sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata principalment bir-reat ta’tentattiv ta’ offiza gravi fuq il-persuna ta’l-ufficjal tal-pulizija PS1602 Marco Mifsud illi kien qieghed jaqdi dmirijietu fil-mument tal-allegat kummissjoni ta’ dana ir-reat. Dan sehh meta l-imputata aggrediet u giddmet lil dan is-surgent tal-pulizija li kien qieghed jipprova irazzanha minhabba l-atteggament aggressiv li kienet qed turi lejn il-care workers taghha u ufficjali ohra tal-pulizija.

Jibda biex jinghad illi sabiex jissusti ir-reat ta’l-offiza volontarja , hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. **“*Jekk l-intenzjoni ta’l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’l-ghemil tieghu*.”**[1] Madanakollu peress illi f’dana it-tip ta’ reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta’ offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: **“*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*”**

[1] Ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fit-30 ta’ Marzu 1998

(Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid ***“Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.”***

Illi ukoll f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta’ Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

“Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I*** (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:

**"*Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in*** 

***caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.***"

U ikkonkludiet: “Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali taghna, u cioe’ li jista’ ikollok tentattiv ta’ offiza gravi jew tentattiv ta’ offiza gravissima, purche’ jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta’ tentattiv ta’ offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta’ tentattiv ta’ offiza gravísima fit-tieni lok.”

Illi maghmul dina l-esposizzjoni legali, din l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta’ dana l-kaz bil-ghan li jigi stabbilit jekk f’dana il-kaz tistax tirrizulta htija ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputata. Illi kif diga inghad fil-kaz ta’ offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta’l-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull

dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Illi l-imputata hija refugjata mis-Sudan li fil-jum ta' dana l-incident kienet qed tigi ospitata fic-centru Singles ta' Hal Far fejn jinzammu nisa li generalment ikunu ghadhom xebbiet. Mill-provi jirrizulta illi l-imputata tbati mil-kundizzjoni tal-HyperThyroidism u kienet anke diga giet rikoverata l-isptar xi jiem qabel minhabba f'dina l-kundizzjoni. Jidher ukoll illi dina l-kundizzjoni ta' sahha kienet tirrikjedi illi l-imputat tiehu il-medicina b'mod regolari u fl-ghodwa ta' dana l-incident kient giet in-nurse tal-MMDNA bil-mistura ghaliha. L-imputata tghid illi hija hassbet li dina in-nurse riedet taghmlilha xi test tad-demm u hi ma reditx. Ghalhekk bdiet tirrifjuta illi tiehu il-medikazzjoni li bdew jippruvaw jaghtuha il-care workers. Hawn hija bdiet tirrabbja u issir aggressiva tant illi anke imbuttat lil care workers taghha Mary Grace Cutajar u Sabina Scicluna li f'dak iz-zmien kienet inkarigata sabiex tiehu hsieb ic-Centru. Peress illi dawn in-nies ma setghux irazznu lill-imputata minn dina l-imgieba aggressiva, kellha tissejjah l-assistenza tal-pulizija. Fuq il-post nizzlu l-PC236 u il-PC176 li madanakollu ma setghux lanqas jikkontrollaw lill-imputata u ghalhekk cemplu l-ghassa tal-Pulizija ta' B'Bugia sabiex tingieb pulizija mara. Nizzlu fuq il-post ghalhekk is-surgent 1602 Mallia u WPC257 Maria Letitia Magro. L-imputata ma setatx tigi ikkalmata u ghalhekk gie imsejjah it-tabib mic-Centru tas-Sahha sabiex jezaminaha izda dana irrifjuta li jinzel peress illi kien hemm xi direttiva tal-Union f'dana is-sens. Ghalhekk gie deciz li tissejjah ambulanza u l-imputata tittiehed lejn l-isptar. Izda meta hija rat l-ambulanza regghet saret iktar vjolenti u f'hin minnhom hebbet ghas-surgent u gidmitu f'idejh tant illi is-surgent u il-pulizija l-ohra kellhom jissaraw maggha sabiex terhilu. Jidher illi anke ikkagunat xi grif fuq il-kuntistabbli 176 Elliot Magro li ipprova idahhalha fl-ambulanza. L-imputata baqghet b'dana l-atteggjament anke meta kienet l-isptar fejn imbaghad giet rikoverata ghal xi jiem. Jidher illi meta giet imbaghad rilaxxjata mil-isptar hija giet arrestata u mehuda l-ghassa sabiex tigi interrogata. Illi anke fit-tragit lejn l-ghassa l-imputat regghet kienet aggressiva u sahansitra ippruvat tahrab

mil-vettura tal-pulizija. Meta wasslet l-ghassa taz-Zejtun hija irrilaxxjat stqarrija bl-assistenza ta' interpretu u dana wara li ikkonsultat mal-avukat tal-ghajnuna legali. Wara li ghamlet dana u meta kienet ser tittiehed lejn il-lock up tal-pulizija hija reggghet saret aggressiva u bdiet anke tobzoq fuq il-pulizija. Hawnhekk hija kellha terga tigi ikkontrollata u bl-ambulanza ittiehdet lejn l-isptar, izda xortawahda baqghet aggressiva tant illi anke hebbet ghas-surgent 1434 u qattatlu l-qmis. Meta imbaghad giet ezaminata mit-tabib Michael Spiteri hija giet rikoverata l-isptar Monte Karmeli fejn wara li giet rilaxxjata tressqet il-Qorti bl-akkuzi odjerni.

Illi fid-dawl ta' dina ir-retroxxena shiha ghal dana l-incident, l-Qorti tista' tasal ghal zewg konkluzjonijiet u cioe' illi fl-ewwel lok l-imputata kellha kondizzjoni medika li tirrendieha aggressiva u vjolenti u fit-tieni lok illi kien hemm problema ta' nuqqas ta' komunikazzjoni u anke divergenzi ta' kulturi li wasslu lill-imputat tirreagixxi b'dana il-mod fil-konfront ta' nies li fl-ahhar mil-ahhar l-uniku skop taghhom kien dak illi ighinuha. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi ghalkemm l-imputat giddmet lis-surgent Mallia, hija ma kellhiex dik l-intenzjoni specifika illi tikkagunalu griehi ta' natura gravi. Ma hemmx dubbju illi hija kellha l-intenzjoni generika sabiex tghammillu xi tip ta' hsara u dana ghaliex f'dak il-mument hija kienet qed tahseb illi dana l-ufficjal tal-pulizija kien ser jaghmel xi hsara lilha u fl-istat mentali li kienet tinsab fih u minhabba l-fatt ukoll illi hija ma setatx tifhem dak illi dawn in-nies kollha kienu qed jippruvaw ighidulha hija hasset li kellha tiddefendi ruhha minn xi haga inezistenti. Dana ghamlitu billi hebbet ghas-surgent u gidmitu. Illi fl-atti ma hemm l-ebda prova illi l-gidma li sofra is-surgent halliet xi marka permanenti kif trid il-ligi fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma hemm prova fl-atti illi mil-gidma li sofra f'idu il-kuntistabbli ha xi marda inffettiva. Mic-certifikat mediku esebiet kif ikkonfermat mix-xhieda tat-tabib Bassam Shamala jirrizulta illi s-surgent sofra minn griehi ta' natura hafifa.

Illi ghal dawn il-motivi l-imputata ser tigi illiberata mill-ewwel akkuza billi hemm dubbju dettat mir-raguni jekk l-imputata kellhiex l-intenzjoni specifika li tikkaguna griehi

ta’ natura gravi fuq il-persuna tas-surgent Marco Mifsud. Madanakollu ser tinsab htija ghar-rigward tat-tieni u il-hames imputazzjonijiet billi jirrizulta ampjament ippruvat mill-atti tal-kawza illi l-imputata ikkagunat girehi ta’ natura hafifa fuq l-imsemmi surgent tal-pulizija, kif ukoll fuq il-kuntistabbli 176 u dana kif jiccertifika u jixhed it-tabib Shamal.

Ikkunsidrat,

Illi it-tlett imputazzjonijiet li isegwu kollha jitrattaw reati fejn hemm involut il-figura tal-ufficjal pubbliku fosthom l-ufficjal tal-pulizija. Illi l-akkuza ai termini ta’l-artikolu 95 hija alternattiva ghal dik ikkontemplata fl-artikolu 96. Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta’l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta’ dana ir-reat jista’ ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1)filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2)jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3)jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

**“*Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e’ indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignita’; avesse pure quest’ingiuria una causa*

***determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*.**"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu ighid:

**"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, <u>provided the offender was aware of his status as such person</u>*."** (sottolinjar tal-Qorti)

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giuseppe Borg jinghad:

**"*Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' <u>il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato</u>*."** (sottolinjar tal-Qorti).

L-awturi kollha Taljani fosthom il-Maino u il-Carrara isotnu:

**"*Non occorre che il pubblico ufficiale vesta la divisa, ma la sua qualita debe essere nota a chi resiste*."**

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli ighid: **"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"** Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu iwasslu ghal htija taht dina id-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioe' illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapacita li fiha qed tagixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti il-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: **"*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even***

***though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*.”**

Il-Qrati taghna f’diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F’sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

**“*Dana l-artikolu*** (b’referenza ghall-artikolu 96) ***jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku” (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku “tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti”. Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – “waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz*”.**

Illi il-fattispecje tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhhom iktar taht id-disposizzjoni ta’l-artikolu 96 milli ta’l-artikolu 95, dana ghaliex ma hemmx dubbju illi l-imputata uzat vjolenza sabiex timpedixxi lill-ufficjali tal-pulizija milli jaqdu dmirijiethom u li l-attakk jew ir-resistenza saru fil-mument illi dawn l-ufficjali kienu qed jaqdu id-dmir taghhom. Ma hemmx dubbju illi l-imgieba ta’l-imputata kienet wahda ta’ aggressivita u vjolenza kemm fl-incident tat-22 ta’ Gunju kif ukoll dak li sehh tlett ijiem wara fil-25 ta’ Gunju. L-imputata, kif diga inghad iktar ‘il fuq giddmet lis-surgent 1602 u anke b’mod hafif lil WPC257, oltre li girfet lill-kuntistabbli 176 Magro, bezzqet fuq il-pulizija u f’incident iehor li sehh tlett ijiem wara gewwa l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun hija imbuttat sahansitra lill-Ispettur Caruana, kompliet tkun aggressiva lejn il-Pulizija u anke bezqitilhom kemm il-darba huma ippruvaw irazznu u anke qattghet il-qmis tas-surgent 1434 meta hija hebbet ghalih. Illi ghalhekk anke is-sitt akkuza hija ippruvata billi l-imputata f’iktar minn okkazzjoni wahda naqqset milli todbi l-ordnijiet moghtija lilha mill-ufficjali tal-pulizija.

Illi meta tigi beix tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputata wriet sinjali ta' vjolenza ma' nies li kienu qed jaghmlu l-almu taghhom sabiex joffrulha l-ghajnuna, nies li fil-qadi ta' dmirijiethom jaghmlu xoghol siwi fil-komunita ma' nies fil-bzonn. Imgieba bhal dik ta'l-imputata hija wahda li ghandha tigi ikkundannata. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora il-qafas kulturali u personali ta'l-imputata. Dana qed jinghad ghaliex ma hemmx dubbju illi l-imputata kellha tiffaccja diffikultajiet kbar f'hajjitha. Jidher illi hija telqghet minn pajjiza, is-Sudan u wasslet hawn Malta b'dghajsa fejn hija issugrat hajjitha sabiex tipprova issib futur ahjar ghaliha. Ma dina it-tragedja personali l-imputata trid tiffaccja kundizzjoni ta' sahha li tinnecessita medikazzjoni kontinwa. Dana trid taghmlu f'ambjent fejn il-*language barrier* ma tantx toffrielha wisq ghajnuna u fejn id-differenza kulturali taghha ma' dak lokali jaghmilha iktar difficli ghaliha tifhem illi l-ghajnuna li qed tinghatalha qed isir ghal gid taghha stess. Illi l-imputata issa ilha anke zmien inkarcerata liema zmien necessarjament irid jitnaqqas miz-zmien ta' detenzjoni li ser tigi inflitta fuqha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 221, 96, 338(ee), 17(d) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel u ir-raba akkuzi migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannaha ghal perijodu ta' disa' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------